# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 10 ta' Ġunju 2025**

**Nru: 2**

**Rikors Ġuramentat Nru. 528/2023**

## Frank Portelli u Biomed Laboratory Limited

**v**

## Lombard Bank Malta p.l.c.

**Daħla**

1. Fl-2021, it-tabib Frank Portelli kien issellef madwar €757,000 mingħand Lombard Bank Malta p.l.c. (il-"Bank");[1] self li, eventwalment,[2] ġie garantit mill-kumpannija Biomed Laboratory Limited ("Bionmed"). It-tabib Portelli u Biomed jgħidu li kull ma kellu jitħallas lill-Bank tħallas u, għalhekk, talbu dikjarazzjoni li m'humiex debituri tal-Bank, flimkien ma ordnijiet konsegwenzjali.[3]

---

[1] Ara Dok A, paġni 9 - 10
[2] Ara Dok B, paġni 11 - 14
[3] Ara rikors ġuramentat, talbiet 2 – 5, paġni 6 – 7

2. Il-kwistjoni mhix fattwali, fis-sens li hemm qbil bejn il-partijiet kemm dwar is-self li ttieħed u l-pagamenti li saru. Hemm qbil ukoll dwar x'inhi d-dokumentazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u, ukoll, f'hix jikkonsistu l-proċeduri legali li ttieħdu, liema ngħalqu u x'għadu pendenti.

3. In-nuqqas ta' qbil hu dwar punti ta' dritt, u ta' interpretazzjoni kuntrattwali. Fif-rigward tal-punti ta' dritt, il-partijiet ma jaqblux dwar jekk ir-regola li l-imgħax ma jistax jeċċedi s-self (ir-regola, hemm magħrufa, tal-*ultra duplum*) tapplikax għal self bankarju ta' natura kummerċjali; u, jekk tapplika r-regola, għandux, għall-finijiet ta' komputazzjoni, jitqies biss l-imgħax li jkun għadu ma tħallasx (kif jgħid il-Bank), jew għandux jitqies l-imgħax kollu, kemm dak li jkun tħallas u kif ukoll dak li jkun għadu dovut (kif jgħidu l-atturi). Jekk induru għall-interpretazzjoni kuntrattwali, il-partijiet ma jaqblux dwar jekk, fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Ġunju 2012, l-imgħax hemm imsemmi kienx ġie kapitalizzat.

4. Jista' jittieħed bħala aċċettat ukoll li jekk l-atturi ma jirnexxux f'kull teżi li ressqu jew, meqjus minn perspettiva oħra, jekk il-Bank għandu raġun imqar f'wieħed mill-punti li jagħmel, allura jsegwi li l-matematika tkun tali li l-ewwel talba tal-atturi ma tkunx tista' tintlaqa'; u dan ikun ifisser li lanqas it-talbiet l-oħra, li huma konsegwenzjali, ma jkunu jiswew.

***Ultra duplum*: għandu jitqies l-imgħax li għadu ma tħallasx biss, jew l-imgħax kollu?**

5. Ir-regola magħrufa bħala regola *ultra duplum* tgħid li l-imgħax ma jistax ikun iktar mis-self. Dan ifisser li, jgħid x'jgħid il-ftehim, min ikun issellef ma jistax jiġi obbligat li jħallas iktar mid-doppju tal-ammont misluf. Imma fil-kalkolu tal-imgħax għall-finijiet ta' din ir-regola, għandu jiġi magħdud l-imgħax kollu, kemm dak li jkun tħallas u kif ukoll dak li għadu dovut, jew għandu jitqies biss dak li jkun għadu dovut? Is-sur Portelli u Biomed jgħidu li għandu jitqies l-imgħax kollu.

6. Huma jistrieħu fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża *Bank of Valletta p.l.c. v Carmelo Farrugia Melfar Ltd et*[4] u fuq dak li qal l-espert *ex parte* tagħhom, Paul Bonello, dwarha u dwar il-prassi bankarja.

7. Anki jekk jgħiduh b'mod li ma jistax jingħad li jiżvija, is-suġġeriment tagħhom hu li, f'*Melfar*, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li hu l-imgħax kollu li ma jistax jissupera l-kapital. Jgħidu hekk, f'para 23.03 tan-nota tagħhom:

> It-test tad-decizjoni [f'Melfar] fejn jinghad ***'l-imghax kollu, ukoll dak gia' imhallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital'*** jidwi mal-kaz kollu odjern.

8. Imma dan il-bran ittieħed barra mill-kuntest. Mhux biss: anki kif jiċċitaw paragrafu 13 tas-sentenza f'*Melfar* (f'paragrafu 20.3 tan-nota tagħhom) mhux korrett, għaliex ħallew barra in-nota fil-qiegħ tal-paġna (jew *footnote*). Din in-nota setgħet kienet *obiter* għall-finijiet ta' *Melfar* (u forsi għalhekk inkluża biss f'tip ta' parentesi); imma fissret il-pożizzjoni fil-liġi sa fejn hu relevanti għall-punt quddiemna, u mingħajrha t-tifsira hi kompletament differenti. Ma misshiex tħalliet barra; u l-fatt li tissemma' iżjed 'l quddiem fin-nota ma tiġġustifikax in-nuqqas.[5]

9. Il-pożizzjoni dwar dan il-punt f'*Melfar* hi ċara ħafna. Dawk l-istrumenti tad-dritt Ruman li fuqhom jistrieħu s-sur Portelli u Biomed – liema strumenti jgħidu li, għall-finijiet tar-regola tal-*ultra duplum*, irid jitqies l-imgħax kollu – qatt ma kienu, u mhumiex illum, parti mil-liġi tagħha. Għalhekk, meta jsir il-kalkolu tal-imgħax għall-finijiet tar-regola, l-imgħax li jrid jitqies hu biss dak li jkun għadu ma tħallasx.

10. Issa ġie suġġerit iktar 'l fuq li l-kumment fil-*footnote* fis-sentenza *Melfar* seta' kien wieħed *obiter*. Dan kien ikun punt importanti li kieku Melfar kienet l-unika sentenza dwar il-punt; u li kieku l-atturi ressqu teżi li tiġġustifika konsiderazzjoni mill-ġdid ta' dak li qalet il-qorti.

---

[4] 471/2007, deċ. 30 t'Ottubru 2015
[5] Ara para. 20.4

11. Imma kif jirriżulta minn *Melfar* stess, dan mhux il-każ. Fil-fatt, meta l-Qorti tal-Appell għamlet il-punt, straħet fuq sentenzi tal-1935 u tal-1964. Ukoll, dawk is-sentenzi juru li l-pożizzjoni kif spjegata f'*Melfar* tmur lura tal-inqas sal-1883, meta l-Qorti tal-Appell, presjeduta minn Sir Adriano Dingli, tat ukoll l-istorja leġislattiva applikabbli.[6] Il-Qorti tal-Appell reġgħet ikkonfermat il-pożizzjoni riċentement, f'*HSBC Bank Malta plc v Gozo Caterers Limited*.[7]

12. Dan kollu kien magħruf – jew, fil-każ tas-sentenzi antiki, seta' kien faċilment magħruf – mit t-tabib Portelli u Biomed. Għalhekk, biex jagħmlu l-każ tagħhom kif suppost, kellhom jgħarrfu lill-qorti bil-pożizzjoni kif inhi - u mhux jgħawwġuha – u, wara, jgħidu għaliex dik il-pożizzjoni hi żbaljata: pereżempju għaliex, minn riċerka storika, sabu li, fil-fatt, in-novelli ta' Ġustinjanu li fuqhom jistrieħu għandhom jitqiesu parti mil-liġi tagħna.

13. Fid-dawl ta' ġurisprudenza stabbilita jew, kif sar jingħad, miżmuma, u fin-nuqqas ta' argument kuntrarju serju, il-qorti ma tistax ħlief issib li r-regola mhix kif jgħidu li hi l-atturi.[8] Billi, minħabba f'hekk, il-kalkoli tagħhom huma żbaljati sew u li żgur għad hemm dejn favur il-Bank, jsegwi l-ewwel talba tagħhom ma tistax tintlaqa'; u, konsegwentement, lanqas jistgħu jintlaqgħu t-talbiet l-oħra.

14. Dan ifisser li ma hemmx il-ħtieġa li l-qorti tidħl fil-punti l-oħra li tqajjmu.

---

[6] *Pace Balzan v Muscat*, 27 t'April, 1883, Vol. X, p.129

[7] 278/2019/1, deċ. 9 t'Ottubru 2023, para. 11. Ara ukoll, għal ġabra ta' sentenzi dwar ir-regola tal-*ultra duplum* is-sentenza tal-qorti ta' prim'istanza ki riprodotta fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'*Bank of Valletta p.l.c. v Francis Bezzina Wettinger pro et noe et*, deċ. 26 ta' Marzu 2010.

[8] Naturalment, anki b'argument serju kuntrarju, il-qorti kienet issibha diffiċili ħafna li, bħala qorti tal-ewwel grad, taqleb ġurisprudenza ta' kważi 150 sena; ġuridprudenza b'*pedigree* impekkabbli: ara *Strickland v Adams Hunter,* Qorti tal-Appell, 15 ta' Diċembru 1939

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tiċħad it-talbiet, bl-ispejjeż kontra t-tabib Portelli u Biomed.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur